

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Lulju 2009

li jiffissa l-ammont massimu tal-ghajjnuna mogħtija għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa skont il-proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 542/2009

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6059)

(It-testi bil-Franciż, il-Grieg, it-Taljan, il-Portugiż u l-Ispanjol biss huma awtentiċi)

(2009/565/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 43(d) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Kummissjoni (KE) Nru 542/2009 ta' 23.6.2009 li jiftaħ il-proċedura ta' sejħa għall-offerti rigward l-ghajjnuna għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa <sup>(2)</sup> jipprovdi dwar żewġ subperjodi għat-tressiq tal-offerti.
- (2) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' ghajjnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli <sup>(3)</sup>, abbażi tal-offerti nnotifikati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni jew tiffissa ammont massimu għall-ghajjnuna jew ma tiffissax ammont massimu għall-ghajjnuna.
- (3) Abbażi tal-offerti mressqa b'risposta għat-tieni sejħa parzjali għall-offerti, huwa floku li jiġi ffissat l-ammont massimu tal-ghajjnuna għall-ħżin privat taż-żejt taż-

żebbuġa għas-subperjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-16 ta' Lulju 2009.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADDOTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Għas-subperjodu għat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-16 ta' Lulju 2009 fi ħdan il-proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 542/2009, l-ammont massimu ta' ghajjnuna għaż-żejt taż-żebbuġa għandu jkun kif stipulat fl-Anness għal dan id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana u lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1<sup>(2)</sup> ĠU L 161, 24.6.2009, p. 3<sup>(3)</sup> ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3

## ANNEX

*(EUR/tunnellata/jum)*

Prodott	Ammont massimu ta' għajnuna
Żejt extra-verġini taż-żebbuġa	1,3
Żejt verġni taż-żebbuġa	1,3